ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 14** **IT-TNEJN 18 TA' MARZU 2013**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tnejn 18 ta' Marzu 2013 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Hdax-il Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Ralph Puli (preżenti fis-6.55pm), Bjorn Azzopardi, Robert Reno Cremona, Margaret Mercieca, Jerome Caruana Cilia, Jason Busuttil (preżenti fis-6.50pm), Charles Farrugia, Antoine Saliba u Sean Meli.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba.

**14/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 12**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 12 li nżammet nhar il-Ħamis 14 ta' Frar 2013, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrezzjoni sabiex para 12/03 tigi taqra hekk:

"**Il-Kunsillier Sean Meli ddikjara li l-astensjoni tiegħu kienet relatata ma' pagament nru 1326, li huwa l-pagament ta' Eur1200 lill-Għaqda tan-Nar San Bastjan għal servizz skont il-kuntratt li hemm mal-Kunsill Lokali".**

**Il-Kunsillier Sean Meli** ressaq korrezzjoni sabiex issir addenda wara l-korrezzjoni mressqa hawn fuq, li taqra hekk:

**"Il-Kunsillier Sean Meli ddikjara li huwa astjena peress li għandu dubji dwar kemm il-kuntratt ġie segwit fejn il-Kunsill kellu jkun li japprova l-attivita', l-posters, li l-attivita' tkun taħt il-patronċinju**

**tal-Kunsilll Lokali Qormi u li l-Kunsill kellu dritt li joħroġ stedina għall-attivita'. Peress li dawn kollha naqsu milli jiġu segwiti u bil-prinċipju ta' *pacta sunt servanda*, kien qed jastjeni peress li għalkemm li tajjeb li l-Kunsill jagħti l-għajnuna lill-għaqdiet, dak li ġie miftiehem għandu jiġi segwit bħala tmexxija tajba tal-fondi."**

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda l-mozzjoni biex jiġu approvati l-minuti bil-korrezzjonijiet msemmija hawn fuq.

**Ivvutaw Favur Disa' Kunsilliera (09) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 12 bil-korrezzjonijiet msemmija hawn fuq ġew approvati unanimament** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

14/02 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 13

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 13 li nżammet nhar it-Tlieta 19 ta' Frar 2013, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Sean Meli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa' Kunsilliera (09) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 13 ġew approvati unanimament** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

14/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

**14/03/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-iskema tal-Libreriji ġiet aċċettata fejn għaċ-ċerimonja jiġbor l-għotja attenda **l-Kunsillier responsabbli mill-Edukazzjoni, Bjorn Azzopardi**. Il-Kunsill qabel li jonfoq Eur500 f'kotba għal-librerija Reġjonali u Eur900 f'kotba għal-Librerija Lokali, liema fondi jirduppjaw bis-saħħa tal-iskema.

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** attenda għas-seduta.

**14/03/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat li l-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-iskema tal-*Book Box* ġiet aċċettata fejn il-Kunsill ingħata Eur1,600 għal żewġ *Book Boxes*. Peress li l-Kunsill diġa għamel *Book Box* fi Ġnien Federico Maempel, li ser tiġi ffinanzjata minn din l-iskema, il-Kunsill qabel nem.con li t-tieni *Book Box* isir fi Ġnien Armier. Għaċ-

ċerimonja jiġbor l-għotja attendew is-Sindku Rosianne Cutajar u l-**Kunsillier Antoine Saliba Haig**. **Il-Kunsillier Sean Meli** xtaq jieħu l-okkażjoni biex jinforma lill-Kunsill li f'kuntatti li għamel mal-Merlin Library se jiġu organizzati sessjonijiet ta' qari minn awtur ta' kotba tat-tfal bil-malti fil-*Learning and Reading Zone* ta' Ġnien Federico Maempel.

**14/03/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjonijiet tal-Kunsill għall-iskema ta' attivitajiet kulturali, ġew aċċettati żewġ attivitajiet minn erbgħa, li huma Casal Fornaro u l-Festival tar-Rebbiegħa li għalihom ġew mogħtija Eur4,000 għal kull attivita'. Għaċ-ċerimonja jiġbor l-għotja attenda **l-Kunsillier responsabbli mill-Attivitajiet Kulturali, Jason Busuttil.**

**Il-Kunsilllier Ralph Puli** attenda għas-seduta.

**14/03/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-iskema tal-attivitajiet sportivi ġiet aċċettata fejn il-Kunsill ingħata Eur4,000 għall-*After School Programme*. Għaċ-ċerimonja jiġbor l-għotja attendew s-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat u l-impjegata Bernice Darmanin.

**14/03/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-ewwel attivita' sportiva relatata mal-kuntratt li ġie iffirmat man-*nurseries*, ser issir proprju minn Phoenix Basketball Club, fis-7 ta' April fi Triq il-Kbira, quddiem il-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ. Is-Sindku Rosianne Cutajar ħeġġet lill-kunsilliera sabiex jattendu għal din l-attivita'.

**14/03/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li għall-aħħar ta' April għandha toħroġ il-ħarġa li jmiss tad-Dielja, u għaldaqstant dawk il-kunsilliera li jridu jibgħatu xi artikli ta' nteress għandhom jagħmlu dan sal-31 ta' Marzu.

## 14/04 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' FRAR 2013

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Frar 2013, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Frar 2013
**b)** *Bank Payments* Frar 2013.
**c)** *Petty Cash* Frar 2013.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Sean Meli** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Hdax** Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota

kontra u ma kien hemm (1) Astensjoni waħda.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**14/05 MOZZJONIJIET**

**14/05/01 MOZZJONI NRU 59/2013(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressaq il-mozzjoni Nru 59/2013 (VI).

“Nipproponi sabiex il-Kunsill jaħtar lill-persuni msemmija hawn taħt fil-Bordijiet ta’ Aġġudikazzjoni għall-offerti ghas-Servizz ta’ Knis f’Ħal Qormi u s-Servizz ta’ *Contract Manager:*

*Chairperson*: Is-Sindku Rosianne Cutajar
*Deputy Chairperson:* Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina
Membri: Ralph Puli, Charles Farrugia, Bjorn Azzopardi, Robert Cremona

Nipproponi li dan il-proġett ikun parti mill-proġett tar-rinnovar tal-bandli taħt l-iskema tal-UIF.”

**Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ħdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 59/2012 (VI).**

**14/05/02 MOZZJONI NRU 60/2013(VI)**

**Il-Kunsillier Sean Meli** ressqet il-mozzjoni Nru 60/2013(VI)

“Nipproponi li l-Kunsill japprova l-ispejjeż sabiex il-posters annessi ma’ din il-mozzjoni jitwaħħlu mal-U-*bars* li għandu l-Kunsill fit-toroq bħala parti mill-kampanja favur it-tfal.”

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ssekondat din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ħdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 60/2012 (VI). Il-Kunsill approva wkoll id-disinn tal-posters annessi mal-mozzjoni DOK B**

**Il-Kunsill qabel li dawn jitwaħħlu fil-*playing fields* filwaqt li jsiru posters fl-iskejjel u Mużewijiet.**

**14/05/03 MOZZJONI NRU 61/2013(VI)**

**Il-Kunsillier Sean Meli** ressqet il-mozzjoni Nru 60/2013(VI)

"Minħabba żieda fl-ispejjeż tal-posta qed nipproponi sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż jiddaħħal is-servizz ta' *club sms* ma' operatur tal-*mobile* kwalunkwe."

**Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ħdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 61/2012 (VI). Il-Kunsill qabel li din is-sistema tkun amministrata mis-Segretarju Eżekuttiv u l-messaġġi jintbagħtu f'isem il-Kunsill Lokali.**

**14/05/04 MOZZJONI NRU 62/2013(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni Nru 62/2013(VI)

**"**Fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv, u peress li llum ix-xogħol fil-Kunsill kiber tant, għalkemm in-numru ta' skrivani baqa' bħal ma' kien f'dawn l-aħħar sitt snin, jiġifieri dak ta' ħamsa, u billi d-dmirijiet ta' kull skrivana kienu regolarment riveduti skont il-bżonn tal-ħidma fl-uffiċċju tal-Kunsill, kif ukoll skont l-esperjenza u l-kapaċitajiet ta' kull impjegata;

U billi d-dmirijiet ta' Ms. Darmanin, jinkludu minbarra x-xogħol ta' kuljum ta' *front-office*, flimkien ma' numru ta' responsabbilitajiet oħra ta' komunikazzjoni effettiva, it-tmexxija tal-attivitajiet sportivi, il-permessi fit-toroq, tassisti fl-organizzazzjoni ta' Jum Ħal Qormi, u t-tmexxija tal-amministrazzjoni tas-sistema tal-Infurzar Lokali .

U billi dawn id-dmirijiet dejjem qdiethom għas-sodisfazzjon tas-Segretarju Eżekuttiv u għas-sodisfazzjon tal-Kunsill kollu,

U billi ilha aktar minn sitt snin fil-kariga ta' Uffiċjal Eżekuttiv u allura tikkwalifika għal ħatra ta' *Assistant Principal* kif titlob il-liġi,

Nipproponi li l-Kunsill japprova l-ħatra ta' Ms Bernice Darmanin bħala *Assistant Principal*, Uffiċċjal fi Skala 11, mill-1 ta' April 2013 bir-responsabbiltajiet u d-dmirijiet applikabbli għal din il-kariga."

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Hdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 62/2012 (VI).**

**14/06 RAPPORTI**

**14/06/01 APPROVAZZJONI TAL-AUDITED FINANCIAL STATEMENTS GHAS-SENA FINANZJARJA 2012**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ippreżenta r-Rapport Finanzjarju għas-sena 2012 wara li sar l-awditjar, mill-awditur imqabbad mill-Awditur Generali, fejn ġie spjegat li l-uniku emendi mill-awditur kienu jirrigwardjaw l-klassifikazzjoni tal-assi.

**DOK C**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** spjega li wara li jiġu approvati l-*Audited Financial Statements*, dawn ir-rapporti jintbagħtu lill-Awditur Ġenerali fejn imbagħad tintbagħat l-Ittra ta' Direzzjoni li tkun teħtieġ ir-risposta mill-Kunsill fi żmien sitt ġimgħat.

Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet mozzjoni biex jiġi approvat r-Rapport Finanzjarju Awditjat għas-sena 2012

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Hdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni.**

**14/06/02 APPROVAZZJONI TAL-ESTIMI ANNWALI 2013**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** ippreżenta Estimi Annwali għas-sena finanzjarja 2013 hekk kif irrakkomandat mill-Kumitat tal-Finanzi.

**DOK D**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat** spjega li id-Dħul ta' €1,066,772 huwa bbażat fuq l-allokazzjoni finanzjarja mħabbra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, li iżda għandha tiġi mibdula wara li jgħaddi l-Estimi Annwali tal-Gvern mill-Parlament wara l-Elezzjoni Ġenerali. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jispjega li l-Ispiża Rikurrenti tlaħħaq €957,053 filwaqt li l-Ispiża Kapitali titla' għal €60,000, apparti l-pagamenti tas-self lill-bank ta' €34,852. L-ispiza kapitali tinkludi fix-Xogħol ta' Restawr tal-istatwi kif ukoll xogħol ta' bankini u asfaltar.

Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet mozzjoni biex jiġi approvat l-Estimi Annwali għas-sena 2013

**Il-Vici-Sindku Jesmond Aqulina** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Hdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni.**

**14/07 KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'E 1-5'**

1. Ittra mis-Segretarju Eżekuttiv fejn infurma li skont l-artikolu 18 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, huwa obbligat li jinforma lis-Sindku meta jkun hemm kunsilliera li jkunu naqsu milli jattendu għall-aktar minn terz tal-laqgħat tal-Kunsill fi żmien sitt xhur. Peress li kemm il-Kunsillier Jason Busuttil kif ukoll l-kunsillier Robert Reno Cremona naqqsu milli jattendu skont din il-kwota stipulata minkejja li kienu skużati, il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni dwar jekk dan in-nuqqas ta' attendenza huwiex iġġustifikat u ssir rakkomandazzjoni lill-Ministru biex il-postijiet ma jiġux dikjarati vakanti.

   **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni sabiex in-nuqqas ta' attendenza tal-Kunsilliera Jason Busuttil u l-Kunsillier Robert

Reno Cremona kienet waħda ġustifikata minħabba impenji ta' xogħol peress li t-tnejn li huma jaħdmu ma' stazzjonijiet tat-televizjoni li fix-xhur li għaddew kienu impenjati ħafna minħabba l-elezzjoni ġenerali.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Hdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jinforma lill-Ministru b'din id-deċiżjoni.**

2. **Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ressaq statistika dwar vetturi mitluqin fil-lokalita' fejn in-numru huwa wieħed kbir. Il-Kunsillier Azzopardi spjega li l-Kunsill għandu jieħu azzjoni kif tistipula l-liġi wara li l-Pulizija infurmawna li m'għandhomx ir-riżorsi biex ineħħu dawn il-vetturi li qed ikerhu il-lokalita' u fl-istess ħin qed jieħdu spazju ta' parkeġġ b'mod abbużiv. Il-Kunsill sab kuntrattur sabiex jiġbor vetturi abbandunati (*derelict vehicles*) u ser isir eżerċizzju flimkien mal-Pulizija biex skont il-provvedimenti tal-liġi jiġu mneħħija mit-toroq dawn il-vetturi abbandunati.

3. Ittra mingħand l-organizzaturi ta' *The Malta Records Festival* fi ħdan s-Socjeta Mużikali San Ġorġ Martri fejn talbu li l-festival jiġi organizzat b'kollaborazzjoni tal-Kunsill, fejn sehem il-Kunsill ikun li jiffinanzja l-ispejjeż tal-Pulizija, it-tindif, l-mobile toilets u l-ambulanza. Il-Kunsill approva din it-talba fejn l-ispejjeż m'għandhomx jeċċedu l-Eur2,000.

4. Ittra minghand Lornit, kumpanija tal-informazzjoni teknoloġika fejn ressqu offerta ghall-programm kompjuterizzat fil-ħruġ tal-permessi liema programm għandu jżied l-effiċjenza u l-kontabilita' tal-Kunsill. Din is-sistema diġa qed titħaddem minn Kunsilli Lokali u ppruvat li tkun suċċess. Il-Kunsill approva din l-ispiża ta' Eur 1120 fis-sena.

5. Korrispondenza mill-Ministeru tal-Infrastruttura u r-Riżorsi dwar il-pjan tal-proġett tal-*Flood Relief*, fejn il-Kunsill ġie infurmat li ser jibda x-xogħol fil-*junction* ta' Triq Manwel Dimech ma' Triq San Bastjan, kif ukoll fil-pont ta' Triq Correa. Il-korrispondenza tinkludi *site plans* dwar *traffic management* bid-*diversions* li ser ikun hemm bżonn minħabba x-xogħlijiet .Il-Kunsill approva dawn id-dokumenti bil-kundizzjoni li ssir kampanja ta' informazzjoni fuq il-mezzi tal-*media* rigward dawn id-*diversions*. Wara dawn ix-xogħlijiet hemm ippjanat li jibda x-xogħol fuq il-pont ta' Triq il-Mitħna. Dan il-pjan sar biex kemm jista' jkun iħalli effett minimu fuq iż-żewġ festi reliġjużi.

**14/08 INFORMAZZJONI**

Il-Kunsilllier Sean Meli informa lill-Kunsill li għandha tiġi organizzata laqgħa mal-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali u s-Segretarjat responsabbli mill-Kura tal-Anzjani, dwar il-possibilita' li jsir *Night Shelter* fuq il-Ċentru tas-Saħħa billi jinbena sular ieħor għal dan il-għan.

**14/09 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 8 ta' April 2013 fil-6:30 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fid-08:00 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar<br>Sindku | Kenneth Brincat<br>Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2013.
(Jum) (Data) (Xahar)